Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,044, 30 ta' Jannar, 2001
Taqsima B

A.L. 13 ta' 2001

ATT DWAR OPPORTUNITAJIET INDAQS (PERSUNI B'DIŻABILITÀ) (KAP. 413)

Regolamenti ta' l-2001 dwar Proċedura għall-Investigazzjoni ta' Ilmenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 33 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar Proċedura għall-Investigazzjoni ta' Ilmenti.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 2000.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

"Att" tfisser l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità);

"att illegali" tfisser att li allegatament jikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilità imwaqqfa skond ma' hemm fl-artikolu 21 ta' l-Att, u tinkludi lil kull uffiċjal tal-Kummissjoni minnha debitament awtorizzat biex jaġixxi f'isimha għal xi għan speċifiku jew kategorija ta' għanijiet taħt l-Att;

"persuna offiża" tfisser persuna fiżika jew persuna li jkollha personalità ġuridika;

"Reġistru" tfisser ir-Reġistru tal-Qorti Superjuri ta' Malta jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni Superjuri tagħha.

(2) Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandhom jingħataw l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Avviż mogħti b'ittra reġistrata.

3. Il-Kummissjoni, meta tibda xi investigazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 32 ta' l-Att, għandha tavża b'ittra reġistrata lill-partijiet kollha konċernati illi tkun sejra tagħmel investigazzjoni. Fl-ittra tagħha lill-persuna li allegatament tkun wettqet xi att illegali ta' diskriminazzjoni, il-Kummissjoni għandha tinformaha illi hija għandha għalfejn taħseb li dik il-persuna tkun allegatament għamlet jew tkun qiegħda tagħmel xi att illegali, u tagħtiha sebat ijiem min-notifika ta' l-ittra msemmija f'dan ir-regolament sabiex tiddikjara bil-miktub lill-Kummissjoni jekk hija tikkunsidrax l-ilment bħala wieħed ġustifikat, u x'azzjoni tkun biħsiebha tieħu sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni.

Tagħrif meħtieġ għall-investigazzjoni.

4. (1) Il-Kummissjoni tista' titlob kull tagħrif kif jista' jkun meħtieġ sabiex tkun tista' tagħmel l-investigazzjoni tagħha.

(2) Il-Kummissjoni tista', permezz ta' avviż bil-miktub, titlob lil kull persuna li:

(a) tagħtiha kull tagħrif illi jista' jissemma fl-imsemmi avviż;

(b) tattendi u tagħti tagħrif bil-fomm dwar il-kwistjoni msemmija fl-avviż u tipproduċi d-dokumenti kollha dwar il-każ li jistgħu ikunu fil-pussess jew fil-kontroll tagħha.

Iżda persuna ma tkunx obbligata li tagħti tagħrif jew iġġib xi dokument mitlub mingħandha fl-avviż jekk dik il-persuna titqies eżentata milli tagħti dak it-tagħrif jew tipproduċi dak id-dokument quddiem il-Qorti fi proċedimenti ċivili.

(3) Jekk il-persuna konċernata ma tagħtix, jew jekk il-Kummissjoni għandha għaliex taħseb li dik il-persuna għamlet il-ħsieb li ma tagħtix, it-tagħrif mitlub, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Qorti, b'rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, biex tordna lill-persuna msemmija fis-subregolament (2) tagħmel dak mitlub minnha fl-imsemmi avviż. Il-Qorti tista' tintalab ukoll tagħti kull ordni ieħor li jidhrilha xieraq u meħtieġ skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

Ċirkostanzi meta l-Kummissjoni tista' tibda proċeduri legali.

Kap. 387.

5. Il-Kummissjoni tista' tirreferi każ quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, wara li tkun għamlet dak kollu meħtieġ sabiex tirrisolvi l-kwistjoni bonarjament bejn il-partijiet kollha, inkluż li l-każ ikun riżolt bis-saħħa ta' arbitraġġ skond l-Att dwar l-Arbitraġġ.